**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Mejju, 2002

**Numru 9**

**Avviz. numru 382/02JR**

**Professional Computing Limited**

**vs**

**Maria Cassano**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fit-18 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija u disghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm1490.35), dovuta lis-socjeta` kreditrici bhala rifuzjoni ta' flus illegalment misapproprjati mill-konvenuta;**

**Bl-ispejjez.**

**Ra li deher id-difensur tal-konvenuta li informa lit-Tribunal li kien sar il-pagament tas-sorte fit-18 ta' Marzu, 2002.**

**Ra n-nota ta' cessjoni prezentata mis-socjeta` attrici prezentata fil-25 t'April, 2002, li biha gie cedut is-sorte filwaqt li nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**